newsbook.com.mt

MADWAR IL-ĦAJJA

# Kollaborazzjoni se tgħin biex iż-ŻAK tifrex xogħolha ma' iktar żgħażagħ

*Gabriel Schembri - 14/09/15 01:41 PM*



Wara bosta ideat u diskussjonijiet, ingħata bidu għal ftehim ta' kollaborazzjoni bejn iż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Deborah Bonnici, minn ŻAK Malta tkellmet ma' Newsbook.com.mt u spjegat kemm din il-kollaborazzjoni se tgħin biex il-ħidmiet ta' din l-għaqda jinferxu ma' iktar żgħżagħ.

Qalet kif permezz tal-ftehim, ŻAK tista' taqsam il-metodoloġiji u l-esperjenzi tagħna mhux biss maż-żgħażagħ membri fiċ-ċentri taż-ŻAK madwar Malta, iżda wkoll ma' żgħażagħ li qatt ma kellhom l-opportunita` jattendu attivitajiet tagħha.

Iż-ŻAK hija għaqda non-governattiva li fiha tiġbor għadd ta' voluntiera u membri impenjati fi 13–il parroċċa madwar Malta.

Iż-ŻAK taħdem kontinwament biex permezz ta' metodi adattati u f'ambjenti informali tipprovdi programmi edukattivi lill-membri tagħha matul is-sena kollha. Dawn il-programmi jgħinu liż-żgħażagħ matul il-mixja tal-iżvilupp tagħhom b'mod sħiħ, filwaqt li jnisslu fihom sens ta' responsabbilita` lejn ħajjithom u lejn dawk ta' madwarhom.

Bħalissa ukoll għaddejja attività ta' taħriġ għall-youth workers li se jkunu parti mill-proġett The Shift, iffinanzjat mill-Erasmus+. L-iskop tal-proġett hu li żgħażagħ miż-ŻAK ikunu *peer educators* u fl-istess ħin joffru opportunitajiet lil żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-21 sena li jagħmlu parti mill-programm Youth.Inc.